



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11081/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0264 (NLE)

PECHE 287

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1970 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1970

**li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut
u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/1970¹ jistabbilixxi, fost l-oħrajn, l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fis-Sottodiviżjonijiet tal-ICES 30-31 (l-istokk “tal-aringa tal-Golf tal-Bothnia”) f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (2) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 ġie emendat mir-Regolament (UE) 2018/976³ fir-rigward tal-aringi tal-Golf ta’ Bothnia, b’kont meħud tal-aħħar tagħrif xjentifiku pprovdut mill-ICES.

¹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 tas-27 ta’ Ottubru 2017 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta’ ħut u gruppi ta’ stokkijiet ta’ ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 281, 31.10.2017, p. 1).

² Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

³ Regolament (UE) 2018/976 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2018 li jemenda Regolament (UE) 2016/1139 f’dak li għandu x’jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta’ salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta’ aringi fil-Baħar Baltiku (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 76).

- (3) Sussegwentement għal dik l-emenda fir-Regolament (UE) 2016/1139, jenħtieġ li jiżdiedu l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokk tal-aringi tal-Golf ta' Bothnia.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1970 jiġi emendat kif meħtieġ.
- (5) L-istaġun ewlieni tas-sajd għall-aringi bl-użu tax-xbieki nases jiftaħ f'Mejju. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd fil-livell nazzjonali l-aktar fis possibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament (UE) 2017/1970, l-entrata għall-aringa fis-Sottodiviżjonijiet tal-ICES 30-31 tinbidel b'dan li ġej:

"

"Speċijiet:	Aringa		Żona:	Sottodiviżjonijiet 30-31
	<i>Clupea harengus</i>			(HER/30/31.)
Il-Finlandja	78 351			
L-Iżvezja	17 215			
L-Unjoni	95 566			
TAC	95 566		TAC analitika"	

".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
